

Brussell, 5 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10151/26

PECHE 220
UK 114
N 43

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 271 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2027

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 271 final.

Mehmuż: COM(2026) 271 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.6.2026
COM(2026) 271 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

Sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2027

{SWD(2026) 145 final}

1. Introduzzjoni

L-objettiv tal-politika komuni tas-sajd (PKS) huwa li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd ikunu ġestiti permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema biex ikunu ambjentalment sostenibbli għal żmien twil u jkunu ġestiti b'mod li jkun konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ta' impjeg, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà ta' provvisti tal-ikel¹.

L-għadd ta' stokkijiet ta' ħut li qed jinqabdu fil-livelli ta' rendiment massimu sostenibbli qed jiżdied². Dan juri li l-isforzi tas-settur tas-sajd tal-UE qed jikkontribwixxu għall-għanijiet fit-tul tal-politika, peress li l-benefiċċji fuq terminu qasir jirriskjaw li jiddeterjoraw l-istat tal-istokkijiet u magħhom il-prospetti tal-ġenerazzjoni futura ta' sajjieda. Fl-istess ħin, filwaqt li fatturi oħra minbarra s-sajd ikomplu jaffettwaw l-istokkijiet tal-ħut³⁴⁵⁶, is-sajd għadu fattur ewlieni li jaffettwa l-mortalità mis-sajd u jrid ikun limitat jekk irid isir irkupru tal-istokkijiet kollha għall-benefiċċju tal-ġenerazzjoni attwali u futura ta' sajjieda.

L-evalwazzjoni komprensiva tal-Kummissjoni tar-Regolament PKS⁷ tenfasizza l-fatt li, b'mod ġenerali, il-mortalità mis-sajd qed tonqos. Madankollu, l-istat ta' konservazzjoni tal-istokkijiet f'termini ta' bijomassa ma tjejbex kif mistenni b'mod ġenerali, minkejja xi sinjali pożittivi fil-livell reġjonali. L-aġġustament insuffiċjenti tal-kapaċità tas-sajd għall-istokkijiet tal-ħut f'ċerti segmenti tal-flotta, flimkien mat-tnaqis fil-ħatt l-art f'diversi baċiri tal-baħar, għadu ta' piż fuq l-introjt u jimmina l-profittabbiltà fit-tul. Dan qed ikompli jiġi aggravat mill-prezzijiet volatili tal-fjuwil, bl-ambizzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni tal-mudelli tan-negożju tal-flotta għadha lura. Barra minn hekk, l-irkupru aktar kajman tal-istokkijiet tal-ħut qed ixekkel il-profittabbiltà fuq terminu medju u twil tas-settur tas-sajd.

Il-minimizzazzjoni tal-impatti negattivi tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, il-ħabitats u l-ispeċijiet tiegħu trid titkompla biex tiġi ssalvagwardjata l-bażi nnifisha tal-prosperità tas-sajd. Filwaqt li mhux vinkolanti, il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Baħar⁸ ta' Frar 2023, għadu rilevanti f'dak ir-rigward, inkluż billi jisfrutta s-sinerġiji bejn il-politika komuni tas-sajd u l-leġislazzjoni ambjentali.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>).

² [Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd \(STECF\) - Monitoring of the performance of the Common Fisheries Policy \(STECF-Adhoc-26-01\)](#)

³ [Changes in Phytoplankton Biomass and Zooplankton Abundance](#)

⁴ [Concentrations of Dissolved Oxygen Near the Seafloor](#)

⁵ [State of the Baltic Sea 2023](#)

⁶ [Mediterranean Quality Status Report - The state of the Mediterranean Sea and Coast from 2018-2023](#)

⁷ [L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni turi progress kajman fis-sostenibbiltà tas-sajd u fl-isfidi li hemm bħalissa](#)

⁸ [II-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Pjan ta' Azzjoni tal-UE:Niproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti \(COM/2023/102 final\)](#)

L-evalwazzjoni tindika wkoll li kien hemm inqas telf ta' impjegi milli kien mistenni fis-settur tas-sajd mir-riforma tal-PKS tal-2013. Fl-istess ħin, il-paga medja fis-settur ma żdiditx bir-rata mistennija, għalkemm xi segmenti tal-flotta raw żidiet sinifikanti fil-pagi bis-saħħa ta' titjib l-istat tal-istokkijiet u mudelli tan-negozju ottimizzati.

Dawn huma wħud mis-sejbiet ewlenin li se jiffirmaw il-bażi għall-iżvilupp tal-Viżjoni 2040 li ġejja għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura.⁹ B'mod ġenerali, jeħtieġ li ntejbu s-sitwazzjoni soċjoekonomika tas-sajjieda, inklużi s-sajjieda fuq skala żgħira, billi nagħmlu s-settur aktar profittabbli, kapaċi jinvesti fil-modernizzazzjoni tal-flotta u fit-tranżizzjoni tal-enerġija. Min-naħa tiegħu, dan se jappoġġa l-attrazzenza tas-settur b'ġenerazzjonijiet ġodda. Huwa importanti wkoll li l-obbligu ta' ħatt l-art isir aktar effettiv.

Din il-komunikazzjoni tirrapporta dwar il-progress fil-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u dwar l-istat tal-flotta tas-sajd tal-UE, u tipprovdi l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni soċjoekonomika tas-sajd tal-UE, kif ukoll dwar l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art. B'dan il-mod, il-komunikazzjoni tiddeskrivi t-triq lejn il-kisba ta' opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-oġettivi tal-MSY biex jiġi żgurat settur tas-sajd kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli fil-kuntest tad-diskussjonijiet dwar il-qafas legali tal-UE.

2. Il-progress fil-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli

Fir-rapport annwali tiegħu, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) aġġorna l-informazzjoni disponibbli dwar l-istokkijiet tal-ħut¹⁰. Ir-rapport juri li s-sajd tal-UE jkompli jagħmel progress lejn il-konformità mal-miri tal-MSY. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jridu jkomplu jibbażaw fuq il-bażi xjentifika b'saħħitha u fuq il-governanza diġà stabbilita.

Filwaqt li qed isir progress permezz ta' deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tal-kwoti u tal-isforzi, dawn waħedhom ma jistgħux jiżguraw is-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut u l-partijiet ikkonċernati rilevanti jridu jagħmlu l-parti tagħhom biex jindirizzaw il-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, u t-tniġġis li dejjem qed jaffettwaw aktar il-baċiri tal-baħar kollha tagħna. Is-saħħa tal-ekosistema tal-baħar, enfasizzata wkoll fil-Patt Ewropew għall-Oċeani¹¹, u t-temperaturi tal-baħar li qed jogħlew ukoll qed ikollhom impatt. Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jipprovdu d-data biex jiżguraw li l-parir xjentifiku jkun imsejjes fuq l-aħjar pedament possibbli.

Fl-2024, l-ekoreġjuni tal-**Baħar Baltiku**, tal-**Baħar Ċeltiku** u tal-**Baħar tat-Tramuntana l-Kbir** komplew ix-xejra tat-tnaqqis tal-pressjoni medja tas-sajd għal livelli sostenibbli (minn 49 %, 48 % u 73 % 'l fuq mil-livelli fil-mira għall-mortalità mis-sajd konsistenti mal-kisba tal-

⁹ [Sajd u akkwakultura – Viżjoni 2040](#)

¹⁰ [L-STEFCF - Monitoring the Performance of the Common Fisheries Policy \(STECF-Adhoc-26-01\)](#)

¹¹ [COM/2025/281 final](#)

MSY (F_{MSY}) rispettivament fl-2003, għal 39 %, 40 % u 5 % taħt il-mira tal- F_{MSY} fl-2023)¹². Għall-Golf tal-Biskalja, is-sajjieda għamlu sforzi sinifikanti biex jiġġestixxu l-istokkijiet tal-ħut b'mod sostenibbli. L-isforzi tagħhom wasslu għal sajd ġestit f'konformità mal-MSY għal bosta snin, kif muri mir-rapport tal-STEFCF tal-2022¹³. Madankollu, minkejja t-tnaqqis fil-pressjoni tas-sajd u fl-isforzi li saru mis-sajjieda, jidher li aktar stokkijiet ma jistgħux jiksbu żieda fil-bijomassa, li tista' tkun marbuta ma' kwistjonijiet oħra bħar-rapportar ħażin. Dan isaħħaħ il-ħtieġa ta' trajettorja ta' bini mill-ġdid tal-istokkijiet biex jiżdied l-introjt tas-sajjieda u biex jiġu limitati l-fluttwazzjonijiet annwali fil-kwoti tas-sajd.

Wara għadd ta' snin ta' progress, l-2024 rat żieda żgħira fl- F_{MSY} fil-Golf tal-Biskalja u fil-ilmijiet Iberiċi u għal stokkijiet distribwiti b'mod wiesa'. Filwaqt li bħala medja kien hemm titjib fil-mortalità mis-sajd fl-Atlantiku tal-Grigal, fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar Ċeltiku, stokkijiet differenti qed jiżdiedu f'direzzjonijiet differenti b'xi titjib fl-istokkijiet li qed jaħbu stokkijiet li qed jiddeterjoraw. Barra minn hekk, kemm ir-reklutaġġ kif ukoll il-bijomassa qed juru sinjali ta' tnaqqis. Fl-Atlantiku tal-Grigal, l-indikaturi kollha ħlief l- F_{MSY} qed jonqsu, u dan qed jagħti lok għal tħassib.

Il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed jospitaw is-sajd imħallat b'ħafna stokkijiet kondiviżi ma' pajjiżi mhux tal-UE. Ir-rata ta' mortalità mis-sajd qed tersaq lejn il-livelli sostenibbli għal xi stokkijiet, b'35 (53 % tal-istokkijiet ivvalutati) li laħqu l- F_{MSY} fl-2022. Madankollu, ħafna stokkijiet għadhom qed jinqabdu f'livelli oġġla mil-livelli sostenibbli. L-azzjoni trid tkompli biex titnaqqas il-mortalità mis-sajd u jintlaħaq l-oġġettiv tal-MSY, b'mod partikolari permezz tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali tal-Punent tal-Mediterran¹⁴ ("MAP għall-Punent tal-Mediterran") u l-istrateġija 2030 tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM).

2.1 Opportunitajiet tas-sajd fl-2026

L-opportunitajiet tas-sajd huma strument importanti fil-ġestjoni tas-sajd sostenibbli. Fl-**Oċean Atlantiku, fil-Baħar Baltiku u fi Skagerrak/Kattegat**, l-opportunitajiet tas-sajd huma stabbiliti prinċipalment bħala limiti tal-qbid, magħrufa wkoll bħala qabdiet totali permissibbli (TACs). Fil-**Punent tal-Mediterran**, minħabba l-ġestjoni tas-sajd imħallat, l-opportunitajiet tas-sajd huma stabbiliti l-aktar f'termini ta' sforz tas-sajd permezz tal-għadd ta' jiem fuq il-baħar u huma ssupplimentati b'limiti ta' qbid għal ċerti stokkijiet u rkaptu. Fis-**sottoreġjuni Mediterranji l-oħra u fil-Baħar l-Iswed**, l-opportunitajiet tas-sajd - li jikkonsistu f'limiti tal-isforz u tal-qbid - jibbażaw fuq deċiżjonijiet vinkolanti meħuda fil-GFCM fil-livell reġjonali.

L-istokkijiet fil-**Baħar Baltiku** għadhom ukoll taħt pressjoni minn sorsi oħra minbarra s-sajd, li wasslu għal falliment tal-ekosistema u għal bijodiversità degradata. Filwaqt li kien hemm

¹² Għal analiżi dettaljata tal- F_{MSY} u tal-istat tal-bijomassa tal-istokkijiet tal-ħut fil-baċiri kollha tal-baħar, ara t-Taqsima I tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament.

¹³ [Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd \(STEFCF\) - Monitoring of the performance of the Common Fisheries Policy \(STEFCF-Adhoc-22-01\)](#)

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qieġ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1022/oj>).

żviluppi pożittivi għal għadd ta' stokkijiet fl-**Atlantiku tal-Grigal**, is-sajd fil-Baħar Baltiku jeħtieġ li jistabbilixxi trajettorja għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet sabiex itejjeb is-sitwazzjoni soċjoekonomika tas-sajjieda u jnaqqas il-fluttwazzjonijiet minn sena għal sena.

Il-Kummissjoni u tmien Stati Membri tal-Baħar Baltiku ħarġu dikjarazzjoni kongunta¹⁵ dwar il-ħtieġa urġenti li jinbena mill-ġdid is-sajd fil-Baħar Baltiku fiż-żmien meta l-Kunsill laħaq ftehim politiku dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026. Huma qablu dwar il-ħtieġa li jitolbu lill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) biex fil-parir annwali tiegħu dwar il-qabdiet speċifiċi għall-istokkijiet, jipprovdi xenarji biex jinbnew mill-ġdid l-istokkijiet tal-ħut ikkonċernati għal-livelli meħtieġa tal-bijomassa f'perjodi ta' żmien differenti¹⁶. Tali parir għandu jkoll il-karatteristiċi bijoloġiċi tal-istokkijiet u juri livelli ta' qbid differenti għall-fażi rispettiva ta' bini mill-ġdid¹⁷. Għandu jittieħed approċċ simili fl-Atlantiku tal-Grigal għal dak is-sajd li jibbenefika mill-istabbiliment ta' trajettorja għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet sabiex is-sajjieda jkunu jistgħu jgawdu minn sitwazzjoni soċjoekonomika mtejba u jiksibu introjtu aħjar mill-attivitajiet tas-sajd tagħhom.

Fir-rigward tal-**Punent tal-Baħar Mediterran**, ir-regoli tal-fażi permanenti tal-MAP għall-Punent tal-Mediterran għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ ilhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025, bl-objettiv li jintlaħaq u jinżamm l-MSY. Abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, il-Kummissjoni pproponiet ukoll aktar tnaqqis fl-isforz għall-2026 għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz, kif ukoll limiti tal-qbid għall-gambli tal-fond u għall-merluzz li jinqabdu mill-bastimenti tax-xbieki. Sabiex tippromwovi Prattiki tajbin sostenibbli u tgħin fl-irkupru tal-istokkijiet, fl-2026 il-Kummissjoni pproponiet li tkompli ttejjeb il-mekkaniżmu ta' kumpens stabbilit fil-Punent tal-Mediterran mill-2022 biex ttejjeg aktar miżuri volontarji, bħal żieda fis-selettività u fiż-żoni magħluqin, li jagħti d-dritt lill-bastimenti jirkupraw il-jiem tas-sajd fil-limitu tal-isforz tas-sajd ġenerali stabbilit għall-2025. Madankollu, il-Kummissjoni oġġezzjonat għall-ftehim politiku li ntlaħaq fil-Kunsill AGRIFISH f'Diċembru 2025, peress li l-ftehim politiku ma segwiex il-proposta tal-Kummissjoni, li kienet ibbażata fuq il-parir xjentifiku. Il-Kummissjoni hija mħassba dwar l-impatt li l-miżuri ta' implimentazzjoni se jkollhom fuq it-trajettorji tal-irkupru tal-istokkijiet f'dan il-baċir tal-baħar. Il-finanzjament tal-UE jibqa' disponibbli biex jappoġġa t-tranżizzjoni tas-settur għal Prattiki aktar sostenibbli previsti taħt l-iskema ta' kumpens, b'mod partikolari fil-kuntest ta' prezzijiet volatili tal-fjuwil, li jkomplu jheddu l-mudell ta' negozju tal-flotot.

Permezz tal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2026, l-UE kompliet timplimenta miżuri relatati li jirriżultaw mill-pjanijiet pluriennali (MAPs) tal-GFCM, kif ukoll mid-deċiżjonijiet maqbula reċentement tal-GFCM għal stokkijiet pelaġiċi żgħar u stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fl-Adriyatiku, u għall-barbun imperjali u għal-laċċa kaħla fil-Baħar l-Iswed.

¹⁵ [Id-Dikjarazzjonijiet għall-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2026 u li jemenda r-Regolament \(UE\) 2025/202 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra](#)

¹⁶ [Agreement reached on 2026 fishing opportunities for the Baltic Sea](#)

¹⁷ [Commission leads efforts to tackle Baltic Sea fisheries and environmental challenges](#)

2.2 Ftehimiet man-Norveġja, mar-Renju Unit u ma' Stati kostali oħra

Għal madwar 120 TAC ġestiti b'mod bilaterali mar-Renju Unit jew man-Norveġja, u b'mod trilaterali ma' dawn iż-żewġ pajjiżi, intlaħqu ftehimiet f'waqthom bejn l-UE u dawk il-pajjiżi għall-2026 abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li tqiesu kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi. Il-biċċa l-kbira tat-TACs ġew stabbiliti f'konformità mal-MSY fejn kien hemm parir disponibbli. L-ICES ħareġ parir għal waqfien mis-sajd għal tmien stokkijiet. Għal dawn l-istokkijiet, il-partijiet qablu dwar TACs baxxi ta' qabdiet aċċessorji biex jevitaw sitwazzjonijiet ta' kwoti limitanti fis-sajd imħallat. Għall-aringa fil-Baħar Ċeltiku, l-UE u r-Renju Unit qablu li jstabbilixxu TAC ta' monitoraġġ xjentifiku għall-2026 f'konformità mal-parir tal-ICES.

Fil-konsultazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u r-Renju Unit, il-parir xjentifiku għall-Baħar Ċeltiku, għall-Baħar Irlandiż u għall-Kanal Ingliż indika li diversi stokkijiet ewlenin — inklużi l-bakkaljaw, il-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu, il-lingwata komuni u l-barbun tat-tbajja' — kienu waqgħu taħt il-limiti bijoloġiċi sikuri, u dan affettwa l-irkupru tagħhom u wassal għal tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd. B'reazzjoni għal dan, l-UE u r-Renju Unit qablu dwar firxa ta' miżuri ta' rimedju li għandhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-istokkijiet, inklużi selettività mtejba tal-irkaptu, daqsijiet akbar tal-malja u apparati selettivi obligatorji fis-sajd tal-Awwisti. Il-ħidma taħt il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd bejn l-UE u r-Renju Unit kellha rwol importanti fl-appoġġ ta' dawn l-eżiti.

Għall-istokkijiet ġestiti b'mod trilaterali fil-Baħar tat-Tramuntana, il-biċċa l-kbira tal-istokkijiet kondiviżi bejn l-UE, in-Norveġja u r-Renju Unit qed juru xejra pożittiva. Għall-2026, il-partijiet qablu dwar it-TACs għall-istokkijiet kollha f'konformità mal-parir dwar l-MSY jew mal-istrategġiji ta' ġestjoni fit-tul miftiehma. Huma adottaw ukoll miżuri biex jappoġġaw l-irkupru tal-bakkaljaw tal-Blata tat-Tramuntana, inkluż l-għeluq staġunali rivedut u l-aġġustamenti għall-iskema tal-għeluq f'ħin reali (RTC) mill-2026. Il-partijiet qablu wkoll dwar mudell ta' ġestjoni ġdid u strategġija ta' ġestjoni fit-tul għall-aringa fil-Baħar tat-Tramuntana, li jipprovdu prevedibbiltà akbar għas-settur u jsaħħu l-ġestjoni sostenibbli tal-istokk.

F'konsultazzjonijiet bilaterali man-Norveġja, reviżjoni tas-sistema tal-RTC għall-gamblu tat-Tramuntana fid-Diviżjonijiet 3.a u 4.a tal-Lvant għandha l-għan li tappoġġa l-bini mill-ġdid tal-bijomassa tal-istokk, li tibqa' taħt limiti bijoloġiċi sikuri.

Għall-istokkafixx u għall-aringa Atlantiku-Skandjana, li huma distribwiti b'mod wiesa' madwar l-Atlantiku tal-Grigal, l-Istati kostali u l-partijiet tas-sajd (l-UE, ir-Renju Unit, in-Norveġja, l-Iżlanda, il-Gżejjer Faeroe, Greenland u fil-każ tal-aringa Atlantiku-Skandjana, il-Federazzjoni Russa) qablu li jstabbilixxu TACs ġenerali għall-2026 f'konformità mal-parir tal-ICES. Madankollu, il-ftehim dwar TAC għall-2026 għall-kavalli kien ta' sfida. F'Diċembru, ir-Renju Unit, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Gżejjer Faeroe qablu fuq TAC li taqbeż il-parir tal-ICES b'71 %. L-UE stabbiliet TAC proviżorja f'konformità mal-parir tal-ICES f'Diċembru 2025. Biex jiġu restawrati kundizzjonijiet ekwi u filwaqt li jitqies li dawn l-Istati kostali ma kinux

biħsiebhom ibiddlu d-deċiżjoni tagħhom dwar il-livell tat-TAC, f'Marzu 2026¹⁸, l-UE allinjat mal-livell tat-TAC deċiż minn dawn l-Istati kostali l-oħra. Barra minn hekk, l-UE ħadmet b'mod intensiv biex jintlaħaq qbil fuq arranġamenti komprensivi ta' kondiviżjoni għall-kavalli u għall-istokkafixx, iżda ma setax jintlaħaq eżitu ta' suċċess.

Fin-nuqqas ta' arranġamenti komprensivi ta' kondiviżjoni u minħabba azzjonijiet unilaterali minn xi Stati kostali, inklużi trasferimenti interannwali eċċessivi, is-somma tal-kwoti unilaterali tal-Istati kostali u tal-partijiet tas-sajd xorta taqbeż it-TACs kumplessivi. Dan ikompli jimmina s-sostenibbiltà tal-istokkijiet inkwistjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tidħol b'mod attiv f'isem l-UE, f'diskussjonijiet ma' Stati kostali oħra bl-għan li tikkonkludi arranġamenti komprensivi ta' kondiviżjoni għall-ġestjoni sostenibbli ta' dawn l-istokkijiet.

3. Bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot tal-Istati Membri u l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom

L-Istati Membri jridu jżommu l-flotot taħt il-limiti nazzjonali stabbiliti għall-kapaċità tal-bastimenti tas-sajd (f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT) u potenza tal-magna (kW)). L-Istati Membri li għandhom segmenti tal-flotta li juru żbilanċ¹⁹ iridu jippreżentaw pjanijiet ta' azzjoni li jistabbilixxu miri u għodod ta' aġġustament biex jinkiseb bilanċ b'perjodu ta' żmien ċar għall-implimentazzjoni.

Madankollu, il-konformità mal-limiti tal-kapaċità waħedhom ma tiżgurax li l-flotot tas-sajd tal-Istati Membri jkunu f'bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli jew ikunu qed joperaw b'mod sostenibbli.

Jintużaw parametri differenti biex jiġi vvalutat jekk flotta hijiex f'bilanċ. L-Istati Membri huma mistiedna jikkalkolaw sett ta' parametri bijoloġiċi, ekonomiċi u tekniċi kull sena u jqabblu r-riżultati mal-valuri standard.

Id-daqs tal-flotot tas-sajd tal-Istati Membri qed ikompli jonqos. L-għadd ta' bastimenti, it-tunnellaġġ gross tagħhom u l-potenza tal-magna naqsu b'madwar 0,95 %, 1,8 % u 1,06 % rispettivament fl-2025²⁰ u inkludew 68 910 bastiment ta' 1 223 500 GT u 5 008 627 kW. It-tnaqqis kontinwu tal-flotta tas-sajd tal-UE jirrifletti taħlita ta' aġġustament strutturali u allinjament ekonomiku xprunati mill-politika li għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza, il-profittabbiltà u l-kompetittività.

¹⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/786 tat-30 ta' Marzu 2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2026/249 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026, l-2027 u l-2028 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L, 2026/786, 31.3.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/786/oj>)

¹⁹ [COM \(2014\) 545: Il-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Linji gwida għall-analiżi tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 22 tar-Regolament \(UE\) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd](#)

²⁰ Inkluzja l-flotta li tistad fir-reġjuni ultraperiferiċi.

Kwalunkwe kapaċità rtirata b'għajnuna pubblika ma tistax tiġi sostitwita²¹.

Mill-525 segment tal-flotta li kienu jinkludu l-flotta kontinentali tal-UE, 209 kellhom mill-inqas indikatur bijoloġiku wieħed barra mill-bilanċ (aħmar) u 165 segment tal-flotta kellhom mill-inqas indikatur ekonomiku wieħed barra mill-bilanċ (aħmar), jiġifieri għaldaqstant, daww is-segmenti ma kinux f'bilanċ, b'xi wħud jaraw xejriet negattivi kontinwi²². Għalhekk, il-Kummissjoni tfakkar lill-Istati Membri dwar ir-rekwiżit li “[jaġġustaw il-]kapaċità tas-sajd tal-flotot tagħhom għall-opportunitajiet tas-sajd tagħhom matul iż-żmien, **b'kont meħud tax-xejriet u abbażi tal-aħjar parir xjentifiku, bl-objettiv li jinkiseb bilanċ stabbli u dejjiemi bejniethom.**”²³ Il-kisba ta' bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot tal-UE u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli hija proċess kontinwu. Flotta bbilanċjata mhux biss se taħdem aħjar fuq terminu qasir billi tottimizza l-għadd ta' bastimenti li jikkompetu għal stokkijiet limitati ta' ħut, iżda se tgħin ukoll lill-flotot isiru aktar profittabbli fit-tul ladarba l-istokkijiet ikunu aktar abbondanti. Flotot ibbilanċjati u aktar profittabbli se jwittu t-triq ukoll għall-modernizzazzjoni u se jtejbju l-attrawenza tas-settur, filwaqt li jħejju għall-ġenerazzjonijiet futuri ta' sajjieda²⁴.

Barra minn hekk, xi flotot għad ma għandhomx data bijoloġika. Il-Kummissjoni tfakkar lill-Istati Membri li valutazzjoni komprensiva tal-bilanċ tal-flotta tista' ssir biss jekk id-data tkun kompluta.

Il-Kummissjoni ppubblikat studju dwar il-flotta tas-sajd tal-UE fit-28 ta' April 2026²⁵. Dan l-istudju indika li l-isfida ġenerali tas-settur tas-sajd hija li jsir l-aħjar użu mill-kapaċità tas-sajd disponibbli jew li din tiġi sostitwita b'għodod modernizzati. Huwa importanti li l-Istati Membri jikkunsidraw kif l-aħjar **jużaw il-kapaċità disponibbli biex jgħinu fit-tranżizzjoni tal-enerġija** u fil-modernizzazzjoni tal-flotta.

4. Prospetti soċjoekonomiċi

Skont ir-rapport tal-2025 mill-STEFCF dwar il-prestazzjoni ekonomika tal-flotta tas-sajd tal-UE, il-flotta tas-sajd tal-UE kienet mistennija li ttejjm l-2025 bi profitti operatorji sinifikanti, li jaqbżu l-prestazzjoni tagħha fl-2023 u fl-2024 u li timpjega aktar minn 155 200 persuna.

Madankollu, din ix-xejra pożittiva, xprunata l-aktar mill-progress lejn il-kisba tal-MSY u prezzijiet tal-fjuwil affordabbli, hija prevista li titreġġa' lura fl-2026 minħabba ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-fjuwil marin ikkawżata mis-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani. Il-prezzijiet tal-fjuwil żdiedu drastikament mill-bidu ta' Marzu 2026, u laħqu kważi d-doppju tal-prezz medju fl-2025. Il-flotta tas-sajd tal-UE kienet qed tħallas madwar EUR 1-1,10 għal kull litru ta' fjuwil fl-aħħar ta' Marzu 2026.

²¹ L-Artikolu 22 tar-Regolament PKS.

²² Ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata.

²³ L-Artikolu 22(1) tar-Regolament PKS.

²⁴ [New study on fishing fleet capacity and sustainability](#)

²⁵ [New study on fishing fleet capacity and sustainability](#)

Sakemm jōhrog ir-rapport tal-2026 mill-STEFCF dwar il-prestazzjoni ekonomika tal-flotta tas-sajd tal-UE (mistenni f' Settembru 2026), l-istimi bikrija juru li jekk dawn il-prezzijiet għoljin tal-fjuwil jippersistu maż-żmien, il-profittabbiltà tal-flotta tas-sajd tal-UE se tonqos b' mod sinifikanti fl-2026, u għadd sinifikanti ta' impjiegi jispiċċaw f' riskju fil-flotot u fil-komunitajiet tas-sajd. Huwa stmat ukoll li għall-flotta sħiħa tas-sajd tal-UE, **żieda ta' EUR 0,10 fil-prezz tal-fjuwil tnaqqas il-profit gross annwali b' EUR 156 miljun.**

L-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-fjuwil ma huwiex uniformi fost is-segmenti tal-flotta. Għal diversi segmenti li jużaw irkaptu intensiv fil-fjuwil, il-kostijiet tal-enerġija jistgħu jirrappreżentaw sa nofs il-valur totali tal-ħatt l-art, li potenzjalment jista' jwassal għal pożizzjoni li tagħmel telf taħt il-livelli tal-prezzijiet attwali. B' mod ġenerali, is-segmenti tal-flotta li jiddependu mill-istokkijiet sfruttati b' mod sostenibbli u li żiedu l-effiċjenza enerġetika tagħhom (jew naqqsu l-intensità tal-fjuwil tagħhom) għandhom it-tendenza li jibqgħu aktar reżiljenti minkejja l-kundizzjonijiet ekonomiċi negattivi attwali. **Dawn ix-xejriet jenfasszaw l-importanza tal-konservazzjoni tal-istokkijiet u tal-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija fil-flotot tas-sajd tal-UE.** Dan huwa kruċjali għal żewġ raġunijiet: biex titnaqqas il-vulnerabbiltà tas-settur għall-prezzijiet volatili tal-enerġija, b' mod partikolari għall-fjuwils fossili, u biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali. L-avvanz tat-tranżizzjoni lejn sorsi tal-enerġija sostenibbli se jipproteġi lill-flotta tas-sajd kontra l-volatilità li hemm bħalissa u jippromwovi prattiki sostenibbli u ekonomikament reżiljenti fit-tul.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-riperkussjonijiet ekonomiċi sinifikanti li jistgħu jirriżultaw minn tfixkil fit-tul fil-provvista taż-żejt u tal-gass. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qed issegwi b' mod viġilanti l-iżviluppi tas-suq. It-tfixkil potenzjali fis-sajd u fl-akkwakultura, u għaldaqstant fis-suq — inklużi l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura — minħabba ż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija, qed jiġi mmonitorjat mill-qrib. Il-mudelli tan-negozju stabbiliti biex iservu s-suq tal-frott tal-baħar jibbażaw ħafna fuq l-enerġija.

B'reazzjoni għas-sitwazzjoni attwali, il-Kummissjoni kienet qed tesplora u taħdem fuq soluzzjonijiet fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)²⁶. L-objettiv huwa li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu lill-operaturi affettwati appoġġ fil-pront. Ir-Regolament dwar il-FEMSA jipprevedi mekkaniżmu ta' kriżi biex jikkompensa lill-operaturi fis-setturi affettwati għal avvenimenti eċċezzjonali li jikkawżaw tfixkil sinifikanti fis-suq. Dan ġie skattat darba, meta bdiet il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Il-Kummissjoni tinnota li ġie stabbilit ir-rekwiżit li tiġi stabbilita rabta ta' kawżalità ppruvata u sostanzjata bejn l-avveniment eċċezzjonali u tfixkil sinifikanti fis-suq. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni skattat kumpens f'konformità mar-Regolament dwar il-FEMSA (l-Artikolu 26(2)) u adottat permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' April

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1–49, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1139/oj>)

2026²⁷. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jipproċedu bil-proċessi rilevanti biex jagħmlu l-appoġġ disponibbli għas-setturi fl-ambitu tal-programmi nazzjonali tagħhom tal-FEMSA f'konformità mar-regoli stabbiliti tal-FEMSA u mar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Komuni²⁸. Madankollu, din tibqa' miżura ta' tnaqqis fuq terminu qasir, li ma tistax tissostitwixxi politika u sforz strutturati u koerenti lejn it-tranżizzjoni tal-enerġija.

4.1 Dimensjoni soċjali

Wara studju ta' referenza tal-2024²⁹, il-Kummissjoni nediet inizjattiva³⁰ li se tivvaluta l-aħjar mod kif standards internazzjonali eżistenti għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tas-sajjieda, jiġifieri l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd³¹. L-inizjattiva tfittex li tindirizza l-kwistjoni li s-settur tas-sajd huwa kklassifikat fost l-aktar professjonijiet perikolużi³². It-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni huma wieħed mill-fatturi determinanti għat-tiġdid ġenerazzjonali li huwa meħtieġ biex jiġi żgurati li s-sajd ikompli sabiex, min-naħa tiegħu, tiġi ppreżervata provvista tal-ikel b'saħħitha għas-swieq madwar l-UE u jinżammu l-komunitajiet kostali.

It-tiġdid ġenerazzjonali għadu ta' sfida u huwa previst li jiffaċċja saħansitra aktar sfidi hekk kif il-popolazzjoni li qed tixjieħ (tal-UE u tas-sajjieda) tikber, b'parteċipanti ġodda limitati fis-settur tas-sajd. Dan huwa dovut, fost affarijiet oħra, għal pagi baxxi, inċertezza dwar l-abbundanza tal-istokkijiet tal-ħut, perċezzjoni li “ma hemm l-ebda futur” għall-professjoni, ammont ta' xogħol impenjattiv, flotta u teknoloġiji li qed jiqdiemu, u sfidi u piżijiet amministrattivi. Dawn l-isfidi ġew enfasizzati fl-ewwel **Rapport Soċjali Annwali (ASOR)**³³.

Il-PKS tidentifika s-sostenibbiltà soċjali tas-sajd u tal-akkwakultura bħala wieħed mill-oġġettivi ewlenin tagħha. Matul l-aħħar 5 snin, il-gruppi ta' ħidma ta' esperti (EWGs) tal-STECEF, b'mod partikolari l-EWG 24-05, 23-17, 22-14, 20-14 u 19-03, żviluppaw firxa ta' għodod u oqfsa tad-data taħt is-sett ta' għodod tad-dimensjoni soċjali tas-sajd tal-UE, inklużi:

- profili tas-sajd nazzjonali (NFPs);
- profili tas-sajd komunitarji;

²⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/889 tas-16 ta' April 2026 li tistabbilixxi s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani mit-28 ta' Frar 2026 bħala l-okkorrenza ta' avveniment eċċezzjonali li jikkawża tfixkil sinifikanti fis-swieq (ĠU L, 2026/889, 16.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/889/oj)

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159–706, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj>)

²⁹ [Baseline study on the training and certification requirements for fishers in EU Member States](#)

³⁰ [Is-sajjieda tal-UE – standards għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni](#)

³¹ [International Convention on Standards of Training, Certification and Watchkeeping for Fishing Vessel Personnel \(STCW-F\), 1995](#)

³² [L-Eurostat: Statistika dwar l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol](#)

³³ Il-Kummissjoni Ewropea, *il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECEF) – Social Data in EU Fisheries: methodology, dissemination, analysis and evaluation (STECEF 25-02 & 25-13)*, Ballesteros, M., Kraan, M., Virtanen, J. u Guillen, J. (edituri), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2026, <https://data.europa.eu/doi/10.2760/6411168>

- indikaturi soċjali u settijiet ta' data assoċjati.

Dawn l-għodod jappoġġaw l-operazzjonalizzazzjoni tad-dimensjoni soċjali tal-PKS u l-għoti ta' pariri integrati. L-ASOR joffri ħarsa ġenerali konsolidata tad-dimensjoni soċjali tal-PKS fis-sajd, fl-akkwakultura u fl-ipproċessar kollu.

5. Obbligu ta' ħatt l-art

Ir-rimi illegali u mhux dokumentat huwa r-riskju ewlieni assoċjat mal-obbligu ta' ħatt l-art waqt l-attivitatijiet tas-sajd fil-baħar. Sabiex jindirizzaw dan ir-riskju, l-Istati Membri huma meħtieġa jstabbilixxu miżuri xierqa ta' monitoraġġ u kontroll. In-nuqqas mill-Istati Membri li jadottaw il-miżuri ta' kontroll neċessarji għall-obbligu ta' ħatt l-art ġie enfasizzat fl-awditjar imwettaq mill-Kummissjoni Ewropea fl-2017, fl-2020 u fl-2022. In-nuqqasijiet enfasizzati fir-rapporti tal-awditjar u l-firxa tal-problema li hemm bħalissa dwar ir-rimi illegali u mhux dokumentat ta' kwantitajiet sinifikanti ta' qabdiet huma appoġġati wkoll minn sorsi oħra bħal studji u rapporti ta' evalwazzjoni tal-konformità³⁴ mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA). L-aktar rapport reċenti tal-EFCA jenfasizza l-aktar indikazzjonijiet reċenti ta' nonkonformità minn diversi segmenti tal-flotta u d-diffikultà għall-Istati Membri biex jikkontrollaw l-obbligu ta' ħatt l-art b'mezzi konvenzjonali bħall-ispezzjonijiet fuq il-baħar.

Minbarra r-restrizzjonijiet fuq ir-rimi, l-obbligu ta' ħatt l-art jirrikjedi wkoll li l-qabdiet jiġu "rreġistrati" u "jinqatgħu mill-kwoti, meta applikabbi"³⁵. F'dan il-kuntest, l-użin akkurat u r-reġistrazzjoni ta' wara l-użin tal-qabdiet huma essenzjali. Il-Kummissjoni wettqet diversi missjonijiet ta' verifika fl-Istati Membri biex tevalwa kif il-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art jintiżnu u jiġu rreġistrati f'konformità mar-regoli tal-UE. Is-sejbiet ta' ħafna minn dawn l-evalwazzjonijiet jiżvelaw kwistjonijiet ta' nonkonformità fir-rigward tar-reġistrazzjoni akkurata tal-kwantitajiet li jinħattu l-art u l-monitoraġġ tal-użu tal-kwoti. Is-sejbiet tal-awditjar tal-obbligi ta' ħatt l-art u tal-missjonijiet ta' verifika dwar l-użin u r-reġistrazzjoni tal-qabdiet jiżvelaw kwistjonijiet li jikkonċernaw id-dokumentazzjoni akkurata tal-qabdiet – inklużi l-kwantitajiet li jintremew u l-kwantitajiet li jinħattu l-art.

Ir-reviżjoni tas-sistema ta' kontroll tas-sajd³⁶ introduċiet rekwiżit fir-Regolament ta' Kontroll għall-bastimenti tas-sajd b'tul ta' aktar minn 18-il metru li jippreżentaw riskju għoli ta' nonkonformità mal-obbligu ta' ħatt l-art biex ikunu mġammra b'sistemi ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod mill-10 ta' Jannar 2028. Filwaqt li huwa antiċipat li dan se jammonta għal sehem relattivament żgħir tal-flotta totali tal-UE, il-proporzjon ta' ħatt l-art kopert mir-

³⁴ [Evalwazzjoni tal-Konformità | L-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd](#)

³⁵ L-Artikolu 15(1) tar-Regolament PKS.

³⁶ L-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, kif emendat mir-Regolament (UE) 2023/2842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u (KE) Nru 1005/2008 u r-Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2017/2403 u (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd (ĠU L, 2023/2842, 20.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2842/oj>)

rekwiżit huwa mistenni li jkun ħafna akbar. Il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem fuq il-leġiżlazzjoni sekondarja li għandha tiġi adottata qabel ma dawn id-dispożizzjonijiet jidħlu fis-seħħ fl-2028.

Il-Kummissjoni nediet studju indipendenti biex jappoġġa l-evalwazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-kuntest tal-evalwazzjoni usa' tar-Regolament PKS li ġie ppubblikat f'Ġunju 2025³⁷. Dan l-istudju enfażizza wkoll id-diffikultajiet ta' kontroll minħabba d-diffikultà fil-monitoraġġ fuq il-baħar u kkonkluda li, b'mod ġenerali, l-obbligu ta' ħatt l-art ma kienx ikkontribwixxa għall-objettiv li jiġu eliminati b'mod gradwali l-qabdi skartati u jiddikjara li "*Sal-lum, ir-rimi fis-sajd tal-UE ma tnaqqasx, u għadu Prattika komuni fil-baċiri kollha tal-baħar.*" L-istudju identifika diversi fatturi għaliex l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art ma kinitx irnaxxiet, u enfażizza li hemm data insuffiċjenti disponibbli biex jitkejjel ir-rimi li jseħħ skont l-eżenzjonijiet eżistenti, għodod ta' monitoraġġ u infurzar ineffettivi, nuqqas ta' kontroll, u xiri limitat fil-livell tal-industrija b'diffikultajiet irrapportati fl-implimentazzjoni tar-regola fil-prattika.

6. Orjentazzjonijiet għall-opportunitajiet tas-sajd għall-2027

6.1 Stadji ewlenin fl-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd li jmiss

Il-proposti tal-Kummissjoni se jkunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli mill-ICES u mill-STEFC. Il-proposti se jkunu bbażati wkoll fuq id-deċiżjonijiet meħuda matul il-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit, man-Norveġja, u ma' Stati kostali oħra³⁸, id-deċiżjonijiet meħuda mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u analiżi soċjoekonomika.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati jivvalutaw ukoll il-parir mill-ICES u mill-STEFC malli jsir disponibbli għall-pubbliku, filwaqt li tenfasizza l-ħidma importanti li saret biex tiġi ottimizzata l-iskeda ta' żmien tal-STEFC għall-Punent tal-Mediterran. Il-partijiet ikkonċernati jistgħu jipprovdur feedback jew rakkomandazzjonijiet permezz tal-kunsilli konsultattivi, l-awtoritajiet nazzjonali u individwalment lill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed taħdem biex tikseb progress dwar l-arranġamenti ta' kondivizzjoni għall-istokkijiet distribwiti b'mod wiesa' ma' pajjiżi mhux tal-UE li ma għandhomx tali arranġamenti, biex tiżgura li l-istokkijiet kondiviżi jinqabdu b'mod sostenibbli.

³⁷ [Study supporting the evaluation of the landing obligation](#)

³⁸ Il-Kummissjoni se twettaq diversi konsultazzjonijiet mar-Renju Unit, man-Norveġja u ma' Stati kostali oħra li jibdeu f'Ottubru 2026. L-għan huwa li dawn jiġu konklużi fil-ħin sabiex l-eżiti tagħhom jiġu inklużi fid-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd f'Diċembru 2026.

6.2 Opportunitajiet tas-sajd għall-baċiri tal-baħar differenti

Għall-istokkijiet ġestiti biss mill-UE fil-**Baħar Baltiku, fi Skagerrak/Kattegat u fl-Oċean Atlantiku**, minbarra l-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-MSY u mal-approċċ ta' prekawzjoni, il-Kummissjoni se tkompli fit-triq lejn l-istabbiliment ta' trajettorja għall-bini mill-ġdid tas-sajd u se tfittex li tikseb parir xjentifiku rilevanti mill-ICES.

Għall-istokkijiet kondiviżi ġestiti mar-Renju Unit, man-Norveġja u ma' Stati kostali oħra, l-oġettiv jibqa' li jiġu stabbiliti opportunitajiet tas-sajd abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi, u li jiġu nnegożjati miżuri ta' konservazzjoni fit-tul, inklużi strateġiji ta' ġestjoni fit-tul fejn rilevanti.

Il-Kummissjoni se tkompli tikkooopera mill-qrib mar-Renju Unit biex timplimenta impenji bilaterali konġunti fl-ambitu tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, b'enfasi partikolari fuq il-bini mill-ġdid tal-istokkijiet f'kundizzjoni kritika. Barra minn hekk, il-ħidma se tkompli b'mod bilaterali man-Norveġja u b'mod trilaterali mar-Renju Unit u man-Norveġja biex jiġi żgurat sajd sostenibbli u l-ġestjoni tajba tal-istokkijiet kondiviżi, inklużi l-ħidma li għaddejjja bħalissa fuq ir-reġim tal-RTC u miżuri addizzjonali bħala parti minn approċċ aktar fit-tul għall-irkupru tal-bakkaljaw tal-Blata tat-Tramuntana.

L-UE tibqa' impenjata li ssib arranġamenti ta' kondiviżjoni sostenibbli, ibbilanċjati u komprensivi għall-istokkijiet distribwiti b'mod wiesa' li huma ġestiti b'mod konġunt ma' Stati kostali oħra.

Għall-**Baħar Mediterran u għall-Baħar l-Iswed**, huwa essenzjali li l-Istati Membri jimplimentaw deċiżjonijiet ta' ġestjoni b'mod fidil biex isegwu l-oġettivi tal-MAP għall-Punent tal-Mediterran u tal-MAPs tal-GFCM³⁹. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom ukoll isaħħu l-implimentazzjoni tal-miżuri ambizzjużi ta' akkumpanjament fl-ambitu tal-programmi tal-FEMSA nazzjonali tagħhom, bl-appoġġ mill-Kummissjoni fejn meħtieġ.

Bil-faċi permanenti tal-MAP għall-Punent tal-Mediterran fis-seħħ, il-proposta tal-Kummissjoni se jkollha l-għan li tikseb u żżomm l-MSY għall-istokkijiet kollha. Il-Kummissjoni se tqis ukoll ir-riżultati tal-ħidma mill-korpi xjentifiċi rilevanti biex taġġorna l-aħjar parir xjentifiku disponibbli għall-merluzz.

Il-ġestjoni kondiviża tal-istokkijiet hija neċessarja wkoll biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fl-ilmijiet internazzjonali u biex jiġu żgurati **kundizzjonijiet ekwi** fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed. Għal dan il-għan, il-proposta għall-opportunitajiet tas-sajd għall-2027 se tkopri miżuri li jimplimentaw id-deċiżjonijiet eżistenti tal-GFCM u miżuri addizzjonali li għandhom jiġu adottati mill-GFCM fis-sessjoni annwali tagħha tal-2026. Għall-ispeċijiet tal-Baħar l-

³⁹ Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1–17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1022/oj>)

⁴⁰ [Management plans | Il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran](#)

Iswed, il-Kummissjoni se tipproponi TACs u kwoti għall-barbun imperjali f'konformità mal-MAP tal-GFCM, u għal-laċċa kaħla.

7. Konklużjoni

Filwaqt li s-sostenibbiltà tas-sajd tal-UE qed tkompli titjeb, xi stokkijiet u baċiri tal-baħar għadhom qed jiffaċċjaw sfidi severi. Anke jekk fatturi oħra minbarra s-sajd qed jaffettwaw l-istokkijiet tal-ħut, is-sajd huwa kontributor ewlieni għall-istat tal-istokkijiet tal-ħut. Għalhekk, l-isforzi jridu jkomplu — u saħansitra jaċċelleraw — biex itejbu s-sostenibbiltà tal-istokkijiet li għadhom ma nqabdux fil-livelli fil-mira tal-MSY. It-tnaqqis fil-bijomassa u fir-reklutaġġ għall-istokkijiet tal-ħut jistgħu jidhru b'mod aktar ċar u jridu jitqiesu meta jiġi kkunsidrat l-istat fit-tul tal-istokkijiet. Is-saħħa tal-ekosistema tinfluwenza wkoll is-saħħa tas-sajd. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi skont il-proċess ta' reġjonalizzazzjoni u jipproponu miżuri biex jitnaqqas l-impatt negattiv fuq l-ambjent tal-baħar (qabdiet aċċessorji ta' speċijiet fil-mira u mhux fil-mira, qabdiet aċċessorji ta' speċijiet sensitivi u impatt negattiv fuq qiegħ il-baħar). Dan jista' jinkiseb permezz tar-rakkomandazzjonijiet konġunti tal-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tal-PKS li jirrakkomandaw l-użu ta' rkaptu selettiv lest għas-suq u ta' teknoloġija moderna tal-irkaptu, kif ukoll miżuri biex tiġi limitata l-pressjoni tas-sajd fuq ħabitats u speċijiet sensitivi u f'żoni marini protetti. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Baħar, filwaqt li ma huwiex vinkolanti, jippromwovi l-użu ta' tekniki tas-sajd inqas dannużi u jipproteġi speċijiet u ħabitats sensitivi, b'enfasi fuq l-ibbilanċjar tal-konservazzjoni ambjentali fir-realtà soċjoekonomika, filwaqt li jippromwovi tranżizzjoni ġusta u ekwa.

Is-sajd huwa parti importanti mill-ekonomija tal-komunitajiet kostali tal-UE iżda dan jista' jkompli biss jekk ikun hemm biżżejjed ħut biex jinqabad u ġenerazzjoni ġdida tara futur biex tingħaqad mal-professjoni. Irid ikun hemm bilanċ bejn l-isforz tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd u t-tranżizzjoni tal-enerġija għandha tiġi aċċellerata biex jiġi żgurat settur tas-sajd tal-UE profittabbli, kompetittiv u reżiljenti li jkun jiflaħ għall-isfidi tal-prezzijiet volatili tal-fjuwil. Prestazzjoni ekonomika batuta diġà tista' tkun qed timmina s-sigurtà tal-impjiegi u l-pagi u tipprevjeni l-investment tal-industrija fil-modernizzazzjoni tal-flotta tas-sajd tal-UE. Issa qed niffaċċjaw it-tieni kriżi tal-fjuwil f'4 snin wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna u l-kriżi tal-fjuwil marbuta mal-kunflitt tal-Lvant Nofsani, u dan jenfasizza l-ħtieġa li s-settur tas-sajd itejjeb il-kompetittività tiegħu biex dawn il-kriżijiet jiġu indirizzati aħjar, permezz ta' investimenti u riformi li għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza, l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni tal-enerġija.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jħarsu lil hinn mis-sajd biex jiżguraw l-irkupru tal-istokkijiet tal-ħut billi jimplementaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE⁴¹. Mingħajr ambjent tal-baħar b'saħħtu u stokkijiet tal-ħut b'saħħithom, ma jista' jkun hemm l-ebda sajd għall-ġenerazzjonijiet futuri. Fl-istess ħin, huwa importanti li jitqies l-aspett soċjoekonomiku

⁴¹ B'mod partikolari, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, id-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u r-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura.

tas-sostenibbiltà, inkluż li l-kundizzjonijiet tax-xogħol isiru aktar attraenti għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jkomplu jimplimentaw il-programmi nazzjonali tagħhom tal-FEMSA, jaġixxu bħala faċilitaturi tal-PKS u jindirizzaw il-ħtiġijiet kollettivi tas-settur tas-sajd biex jadatta u jsir aktar reżiljenti.

L-objettiv ġenerali li jiġi żgurat sajd ambjentalment sostenibbli fit-tul, filwaqt li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, jibqa' fil-qalba tal-proposta tal-Kummissjoni għall-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, il-proposti għall-2027 se jkomplu jgħinu lill-istokkijiet tal-ħut jirkupraw, inkluż permezz tal-bini mill-ġdid tat-trajettorji, u jżommu l-progress li diġà sar. Sabiex jinkiseb dan, il-Kummissjoni tibbaża fuq l-involviment u fuq l-appoġġ kontinwi tal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż permezz tal-isforzi tagħhom li jistadu b'mod aktar selettiv, peress li huwa biss permezz ta' sforz konġunt li nistgħu niżguraw is-sostenibbiltà tas-sajd tal-UE għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri, lill-kunsilli konsultattivi, lill-partijiet ikkonċernati u lill-pubbliku biex jipprovdu feedback dwar din il-komunikazzjoni sal-31 ta' Awwissu 2026.

SKEDA TAX-XOGĦOL IPPJANATA⁴²

Meta	Xiex
Mejju – Novembru 2026	Parir xjentifiku tal-ICES
Ġunju – l-aħħar ta' Awwissu 2026	Konsultazzjoni pubblika dwar il-komunikazzjoni
L-aħħar ta' Awwissu 2026	Il-Kummissjoni tadotta l-proposta tagħha għall-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku
Nofs Settembru 2026	Il-Kummissjoni tadotta l-proposta tagħha għall-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed
Ottubru - Diċembru 2026	Konsultazzjonijiet annwali dwar l-opportunitajiet tas-sajd mal-partijiet fl-Atlantiku tal-Grigal
Ottubru 2026	Laqgħa tal-Kunsill dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-Baħar Baltiku Konsultazzjonijiet mal-Istati kostali dwar stokkijiet distribwiti b'mod wiesa' fl-Atlantiku tal-Grigal
L-aħħar ta' Ottubru 2026	Il-Kummissjoni tadotta l-proposta tagħha għall-opportunitajiet tas-sajd fl-Atlantiku/fil-Baħar tat-Tramuntana
Novembru 2026	Sessjoni annwali tal-GFCM
Novembru 2026	Laqgħa annwali tal-NEAFC
Diċembru 2026	Valutazzjoni tal-istokkijiet u parir dwar il-ġestjoni tal-STEFCF
Diċembru 2026	Laqgħa tal-Kunsill dwar l-opportunitajiet tas-sajd fl-Atlantiku/fil-Baħar tat-Tramuntana Laqgħa tal-Kunsill dwar l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed

⁴² Għall-istokkijiet ġestiti mill-RFMO fl-ilmijiet tal-UE u f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE, l-opportunitajiet tas-sajd jiġu adottati wara l-laqgħa annwali tal-RFMOs billi jiġi rivedut ir-regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd.